**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 351/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Abdalla Ahmed Flieg**

**Ahmad Husain**

**Abdulazez Alfreh**

Illum id-9 ta' Dicembru 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputati

**Abdalla Ahmed Flieg iben Ahmed u Faisa nee' Nasri, imwieled is-Sirya nhar l-20 ta' Novembru 1991 u residenti gewwa l-fond 38, Tony, Flat 3, Ganu Street, Birkirkara, u detentur tal-karta tal- identita' Maltija Nru 150596A.**

**Husain Ahmad iben Husain u Fatima nee' Ali, imwieled is-Sirya nhar il-05 ta' Frar 1983 u residenti gewwa l-fond 142, Carmen House, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera/Msida u detentur tal-karta tal-identita' Maltija Nru 102613A.**

**Alfreh Abdulazez iben Mahmoud u Hadiga nee' Alfleg, imwieled is-Sirya nhar l-1 ta' Mejju 1983 u residenti gewwa l-fond 74, Triq Abela, St Venera, u detentur tal- karta tal- identita Maltija Nru 144835A.**

Akkuzati talli fix- xahar ta' Gunju 2020, gewwa l- Qammieh fil- Mellieha, b' diversi atti maghmulin minnhom, fi' zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizjoni tal- Ligi, ikkommettew serq ta' ghasel min gewwa garar tan- nahal għad- dannu ta' Marjan Paul Cini, liema serq huwa aggravat bil- vjolenza (numerika), bil- hin, bil- lok u bix- xorta tal- haga misruqa, bi ksur tal- *Artikoli 18, 262(b), 270, 269 u 271(b) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Akkuzati wkoll talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi imsemmija qabel ikkagunaw hsara volontarja fuq il- propjeta ta' Marjan Paul Cini, bi ksur tal- *Artikolu 325(1)(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.*

Akkuzati wkoll talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi imsemmija qabel qataw jew kielu mir- raba' ta' haddiehor, frott jew prodotti ohra bi ksur tal- *Artikolu 340(b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.*

Akkuzati wkoll talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi imsemmija qabel, bi hsara tas- sid jew tad-detentur ghamlu vjolazzjoni kontra l- propjeta ta' haddiehor bi ksur tal- *Artikolu 340(d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tikkonsidra lil- Hussein Ahmad u lil Alfreh Abdulazez bhala recidivi ai termini tal- *Artikoli 49, 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.*

Il- Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundana lit- tlett imputati ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- *Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.*

Wara li rat li l- Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja skont l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Settembru 2020, l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputati separatament u

individwalment wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom u wissiethom solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlhom zmien bizzejjed biex jergghu' jikkonsultaw ma l-avukat taghhom u jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Rat li l-imputati regghu tennew u kkonfermaw l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputati il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputati.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni taghhom, l-imputati effettivament mhumiex ħatja tar-reati addebitati lilhom. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda li xhedu, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-istess udjenza tat-3 ta' Settembru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt tal-kaz fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal tali fix-xahar ta' Gunju 2020 meta l-pulizija tal-Qawra gew informati minn certu Marjan Paul Cini li sid ta' ghalqa gewwa l-Qammiegh, Mellieha, li dak il-hin stess kien hemm persuni ta' nazzjonalita barranija illi kienu qed jisirqu xi ghasel. Illi l-istess kwerelant kien diga' rraporta serq minn gewwa l-istess ghalqa gimgha qabel li x'aktarx kien sar mill-istess persuni. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li sabu lill-imputati gewwa l-ghalqa jisirqu l-ghasel.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru 2020 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilhom, u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghhom.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti.

1. Il-fedina penali ta' l-imputat Abdalla Ahmed Flieg hija netta.

   Fir-rigward il-fedina penali taz-zewg imputati l-ohra, cioe Husain Ahmad iben Husain u Alfreh Abdulazez iben Mahmoud, filwaqt li

mhijiex netta, minn harsa ta′ l-istess ma jirrizultax li ghandhom fedina allarmanti. Il-pulizija talbet sabiex dawn iz-zewg imputati jigu kkunsidrati bhala recidivi ghal-finijiet ta′ l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm ma tressqitx il-provi ta′ dawn is-sentenzi, bl-amissjoni inkondizzjonata ta′ l-imputati, l-prosekuzzjoni giet ezentata milli tkompli tressaq provi, inkluz s-sentenza jew sentenzi relattivi, ta′ liema ssir referenza ghalihom fil-fedina penali ta′ l-imputati.

2. L-amissjoni ta′ l-imputati. Din l-amissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-procedura kif ukoll fl-istqarrija u ghalhekk ghandha tigi kunsidrata li l-amissjoni hija attenwanti favur l-imputati fic-cirkostanzi tal-kaz.

3. L-intenzjoni ta′ l-imputati kienet sabiex jghejjxu lill-familji taghhom u jitmghuhom l-ghasel u mhux sabiex jaghmlu xi gwadann personali iehor.

4. L-imputati lesti li jhallsu ghall-ispejjez li kkagunaw lill-vittma. F′dan ir-rigward l-imputat ipprezenta stima fl-ammont ta′ elfejn, sitt mija u disghin euro u erbghin centezmu (€2,690.40).[1]

[1] Dok GS10

5. Il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputati ikkollaboraw bis-shih u li, fil-fehema tal-prosekuzzjoni, dan il-kaz ma jimerittax li l-imputati jinghataw piena karcerarja.

6. Il-vittma min-naha tieghu jghid li tilef din il-bejta tan-nahal, bil-kolonnja taghha u bl-ghasel ta' go fiha. Huwa jispjega li kolonnja bhal kif kellu tiswa hafna flus sabiex jerga jsib bhalha.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 262(b), 270, 269, 271(b), 277, 325(1)(a). 325(1)(b), 340(b), 340(d), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati kollha hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, u, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kondizjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti fissret is-sentenza lill-hatja skont l-Art. 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati f'sehem ugwali bejniethom ihallsu lil Marjan Paul Cini s-somma ta' elfejn, sitt mija u disghin Euro u erbghin centezmu (€2,690.40) rapprezentanti kumpens tal-hsara kkagunata lilu.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna li l-kumpens jithallas b'pagamenti mensili ta' mitt Euro

(€100) minn kull wiehed mill-imputati fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar millum u jkomplu jhallsu b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivi u mhux interrotti fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza tal-beneficcju ta' dan it-terminu f'kaz li jonqsu milli jhallsu hekk puntwalment dan l-istess kumpens. L-ammont shih b'hekk ghandu jkun imhallas sa zmien massimu ta' disa' (9) xhur millum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba stante li ma gewx mahtura esperti jew periti fil-proceduri.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**